Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 358/2003**

tas-27 ta' Frar 2003

dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(OJ L 53, 28.2.2003, p. 8)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament Tal-Kummissjoni (KE) Nru 886/2004, ta' l-4 ta' Marzu 2004	L 168	14	1.5.2004

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 358/2003

tas-27 ta' Frar 2003

dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1534/91 tal-31 ta' Mejju 1991 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat dwar ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1)(a), (b), (c) u (e) tiegħu,

Wara li pubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament ([2]),

Wara li konsultat mal-Kumitat ta' Konsulenza dwar Prattiċi Restrittivi u Posizzjonijiet Dominanti,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KEE) Nru 1534/91 jawtorizza l-Kummissjoni biex tapplika l-Artikolu 81(3) tat-Trattat permezz ta' regolament għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni li għandhom bħala l-għan tagħhom il-kooperazzjoni fil-każ ta':

— l-istabbiliment ta' tariffi komuni ta' *premium* ta' riskju bażati fuq statistiċi aċċertati kollettivament jew tan-numru ta' pretensjonijiet,

— l-istabbiliment ta' *standard* komuni ta' kondizzjonijiet tal-polza,

— il-kopertura komuni ta' ċerti tipi ta' riskji,

— il-ftehim fuq pretensjonijiet,

— l-ittestjar u l-aċċettazzjoni ta' apparat ta' sigurtà,

— reġistri ta', u informazzjoni dwar, riskji aggravati.

(2) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1534/91, il-Kummissjoni addottat ir-Regolament (KEE) Nru 3932/92 tal-21 ta' Diċembru 1992 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat, għal ċerti kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma fis-settur ta' l-assigurazzjoni ([3]). Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3932/92, kif ġie emendat bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2003.

(3) Ir-Regolament (KEE) Nru 3932/92 ma jipprovdix għall-eżenzjoni għall-ftehim li jikkonċerna l-ftehim fuq pretensjonijiet u reġistri ta', informazzjoni dwar, riskji aggravati. Il-Kummissjoni kunsidrat li kienet nieqsa minn esperjenza suffiċenti biex tagħmel użu mill-awtorità mogħtija mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1534/91 f'dawn l-oqsma biex titratta każijiet individwali. Din is-sitwazzjoni ma tbiddlitx.

([1]) ĠU L 143, 7.06.91, p. 1.
([2]) ĠU C 163, 9. 07.02, p. 7.
([3]) ĠU L 398, 31.12.92, p. 7.

▼B

(4) Fit-12 ta' Mejju 1999, il-Kummissjoni addottat Rapport [1] lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew dwar l-operazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3932/92. Fil-15 ta' Diċembru 1999, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni [2]. Fid-19 ta' Mejju 2000, il-Parlament adotta Resoluzzjoni dwar ir-Rapport tal-Kummissjoni [3]. Fit-28 ta' Ġunju 2000, il-Kummissjoni sejħet laqgħa konsultattiva malpartijiet ikkonċernati, inklużi rappreżentattivi tas-settur ta' l-assigurazzjoni u ta' l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali, dwar ir-Regolament. Fid-9 ta' Lulju 2002, il-Kummissjoni pubblikat abbozz tar-Regolament preżenti fil-Ġurnal Uffiċjali b'sejħa għall-partijiet ikkonċernati biex iressqu kummenti sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2002.

(5) Regolament ġdid għandu jissodisfa iż-żewġ rekwiżiti ġodda li tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-kompetizzjoni u li tiġi pprovduta sigurtà legali adegwati għall-impriżi. L-insegwiment ta' dawn il-għanijiet għandha tikkunsidra l-bżonn li s-sorveljanza amministrattiva tiġi simplifikata kemm jistà jkun possibbli. Għandha tiġi wkoll ikkunsidrata l-esperjenza tal-Kummissjoni f'dan il-qasam mill-1992, u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet dwar ir-Rapport tal-1999 u l-konsultazzjonijiet li jwasslu għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(6) Ir-Regolament (KEE) Nru 1534/91 jirrekjedi li r-regolament ezentatorju tal-Kummissjoni jiddefinixxi l-kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li japplikaw għalih, li jispeċifika r-restrizzjonijiet jew klawżoli li jkunu, jew ma jkunux jinsabu fil-ftehim, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma, jew il-kondizzjonijiet l-oħra li għandhom jiġu sodisfatti.

(7) Madankollu, huwa xieraq li jkun hemm ċaqliq mill-approċċ li jelenka l-klawżoli eżenti u li ssir aktar emfażi fuq id-definizzjoni ta' kategoriji ta' ftehim li huma eżenti sa ċertu livell ta' kapaċità tas-suq u li jispeċifikaw ir-restrizzjonijiet jew klawżoli li ma jinsabux f'dawn it-tipi ta' fehim. Dan hu konsistenti m'approċċ ibbażat fuq l-ekonomija li jagħmel stima ta' l-impatt li l-ftehim iħalli fuq is-suq relevanti. Madankollu, għandu jiġi rikonoxxut li fis-settur ta' l-assigurazzjoni hemm ċerti tipi ta' kollaborazzjoni li jinvolvu l-impriżi kollha fis-suq relevanti ta' l-assigurazzjoni li jistgħu jitqiesu li normalment jissodisfaw il-kondizzjonijiet istabbiliti fl-Artikolu 81(3) tat-Trattat.

(8) Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat b'regolament, m'hux neċessarju li jiġi definit dak il-ftehim li jista' jaqa' taħt l-Artikolu 81(1). Fl-stima individwali tal-ftehim taħt l-Artikolu 81 (1), għandhom jiġu konsidrati d-diversi fatturi, partikolarment l-istruttura tas-suq fis-suq relevanti.

(9) Il-benefiċċju ta' l-eżenzjoni ġenerali għandu jiġi limitat għal dak il-ftehim li għalih jista' jiġi assumat b'ċertezza suffiċenti li jisodissfa il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat.

(10) Il-kollaborazzjoni bejn l-impriżi ta' l-assigurazzjoni jew fi ħdan assoċjazzjonijiet ta' impriżi fil-kalkolu ta' l-ispiża medja fil-kopertura ta' riskju speċifiku fil-passat jew, għall-assigurazzjoni fuq il-ħajja, elenki ta' rati ta' mortalità jew tal-frekwenza ta' mard, aċċidenti u l-kondizzjonijiet ta' l-invaliditá, jagħmluha possibbli li jittejjeb it-tagħrif dwar ir-riskji u jrendi s-skala ta' riskji għal kumpanniji individwali aktar faċli. Dan jista' mbagħad jiffaċilità d-dħul fis-suq u għalhekk ikun ta' vantaġġ għall-konsumaturi. L-istess jista' jingħad għall-istudji konġunti dwar l-impatt probabbli ta' ċirkostanzi estranji li jistgħu jinfluwenzaw il-frekwenza jew l-iskala ta' pretensjonijiet, jew il-produzzjoni ta' tipi differenti ta'

[1] KOM(1999) 192 finali.
[2] CES 1139/99.
[3] PE A5-0104/00.

▼B

investiment. Huwa, madankollu, neċessarju li jiġi żgurat li tali kollaborazzjoni hi eżenti biss sal-punt li hu neċessarju biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Hu għalhekk xieraq li jiġu stabbiliti li l-ftehim fuq premium kummerċjali li m'humiex eżenti; fil-fatt, premium kummerċjali jistgħu jkunu inqas mill-ammonti indikati mill-elenki tar-riżultati tal-kalkolazzjoni jew l-istudji msemmija, minħabba li l-kumpanniji li jinxurjaw jistgħu jużaw id-dħul talfinanzi mill-investimenti tagħhom sabiex inaqqsu il-premium tagħhom. Barra dan, il-kalkolazzjonijiet, l-elenki jew studji li semmejna m'għandhomx jorbtu u għandhom iservu biss bħala riferenza.

(11) Barra dan, aktar kemm ikunu wesgħin il-kategoriji li fihom huma miġbura l-istatistiċi dwar l-ispiża fil-kopertura ta' riskju speċifiku fil-passat, l-impriżi ta' l-assigurazzjonijiet bl-inqas lok għal tibdil għandhom jikkalkulaw il-premium fuq bażi aktar dejqa. Hu għalhekk xieraq li jkunu eżenti kalkolazzjonijiet konġunti ta' l-ispiża tal-passat dwar riskji fuq il-kondizzjoni li l-istatistiċi disponibbli huma provduti b'dettal u divrenzar li hu b'mod attwarjali adegwat kemm jista' jkun.

(12) Barra dan, peress li l-aċċess għal dawn il-kalkolazzjonijiet, elenki u studji hu neċessarju kemm għall-impriżi ta' l-assigurazzjoni attivi fis-suq ġeografiku jew fis-suq tal-prodott msemmi kif ukoll għal dawk li qed jikkunsidraw jidħlu fis-suq, dawn l-impriżi ta' l-assigurazzjoni għandhom jingħataw aċċess għal dawn il-kalkolazzjonijiet, elenki u studji fuq bażi raġonevoli u bla diskriminazzjoni, kif ikkumparati ma' dawk l-impriżi ta' l-assigurazzjoni li huma diġa' preżenti f'dak is-suq. Dawn it-termini jistgħu per eżempju jinkludu rabta minn-impriża ta' l-assigurazzjoni li għad m'hix preżenti fis-suq li tipprovdi informazzjoni ta' l-istatistika dwar pretenzjonijiet, jekk qatt tidħol fis-suq. Jistgħu wkoll jinkludu sħubija fl-assoċjazzjoni ta' l-assigurazzjonijiet responsabbli biex jipproduċu l-kalkolazzjonijiet, sakemm l-aċċess għal din is-sħubija huwa minnu nniffsu disponibbli fuq bażi raġonevoli u bla diskriminazzjoni għall-impriżi ta' l-asigurazzonijiet li għad m'humiex attivi fis-suq msemmi. Madankollu, kwalunkwa piż addebitat għall-aċċess ta' dawn il-kalkolazzjonijiet jew studji relatati għall-impriża ta' l-assigurazzjoni li ma tawx kontribut għalihom, ma jitqisux bħala raġonevoli għal dan il-għan jekk ikun tant għoli li jikkostitwixxi impediment għad-dħul fis-suq.

(13) Tikber il-kredibilità ta' kalkolazzjonijiet konġunti, tabelli u studji waqt li jizdied l-ammont ta statistici fuqhiex huma bazati. Kumpanniji li jinxurjaw b'ishma għoljin fis-suq jistgħu jiġġeneraw statistiċi internali biżżejjed biex ikunu jistgħu jagħmlu kalkolazzjonijiet li tista' toqgħod fuqhom, iżda dawk b'ishma żgħar fis-suq ma jkunux jistgħu jagħmlu dan, inqas u inqas għal dawk li għadhom deħlin fis-suq. L-inklużjoni ta' dawn il-kalkolazzjonijiet konġunti, elenki u studji ta' informazzjoni mill-kumpanniji kollha fis-suq li jinxurjaw, inkluži dawk kbar, tippromovi l-kompetizzjoni billi tgħin lil-kumpanniji żgħar li jinxurjaw, u tiffaċilità d-dħul fis-suq. Minħabba din l-ispeċifiċità tas-settur ta' l-assigurazzjoni, m'huwiex xieraq li xi eżenzjonijiet għal dawn il-kalkolazzjonijiet konġunti u studju konġunti jiġu soġġetti għall-limiti ta' l-ishma tas-suq.

(14) Il-kondizzjonijiet tal-polza *standard* jew klawżoli individwali *standard* u mudelli *standard* li juru l-profitti ta' polza ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja jistgħu jħallu benefiċċji. Per eżempju, jistgħu jġibu qliegħ ta' effiċenza għall-kumpanniji li jinxurjaw; jistgħu jiffaċilitaw id-dħul fis-suq permezz ta' kumpanniji li jinxurjaw li huma żgħar jew mingħajr esperjenza; jistgħu jgħinu lill-kumpanniji li jinxurjaw biex ilaħħqu ma' l-obbligazzjonijiet legali; u jistgħu jintużaw minn organiżazzjonijiet tal-konsumaturi bħala punt ta' referenza biex polzi ta' l-assigurazzjoni jkunu jistgħu jitqabblu ma' dawk offruti minn kumpanniji ta' assigurazzjoni differenti.

▼B

(15) Madankollu, l-kondizzjonijiet tal-polzi *standard* m'għandhomx iwasslu jew għall-istandardiżazzjoni ta' prodotti jew għal ħolqien ta' sbilanċ sostanzjali bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt. B'riżultat ta' dan, l-eżenzjoni għandha tapplika biss għall-kondizzjonijiet tal-polza *standard* fuq il-kondizzjoni li din ma tkunx torbot, u għandha ssemmi speċifikament li l-impriżi li qed jieħdu sehem huma fil-libertà li joffru lill-klijenti tagħhom kondizzjonijiet tal-polza differenti. Barra dan, kondizzjonijiet tal-polza *standard* m'għandhomx jinkludu xi esklużjoni sistematika ta' tipi speċifiċi ta' riskji mingħajr ma' jkun hemm lok għall-possibilità espressa li tiġi nkluża dik il-kopertura bi ftehim u m'għandhux ikun hemm proviżjoni li r-relazzjoni kuntrattwali ma' l-assigurat tiġi sostnuta għal perjodu eċċessiv jew li tmur lilhinn mill-għan inizjali ta' l-assigurazzjoni. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-Komunità jew mill-liġi tal-pajjiż li jinkludu ċerti riskji f'ċerti assigurazzjonijiet.

(16) Barra dan, huwa neċessarju li jiġi stipulat li l-kondizzjonijiet tal-polza *standard* komuni għandhom ġeneralment jkunu għad-dispożizzjoni ta' kull persuna interessata, u b'mod partikolari għall-assigurat, sabiex jiġi żgurat li hemm trasparenza reali u għalhekk ikun ta' benefiċċju għall-konsumatur.

(17) L-inklużjoni f'polza ta' l-assigurazzjoni ta' riskji li għalihom numru sinifikattiv ta' assigurati m'humiex esposti simultanjament jista' jtellef l-innovazzjoni, peress li l-formazzjoni ta' riskji m'hux relatati f'grupp wieħed jista' jkun ta' disinċentiv għall-kumpanniji ta' assigurazzjoni biex joffrulhom kopertura ta' l-assigurazzjoni separata u speċifika. Klawżola li timponi kopertura komprensiva ta' dan it-tip m'għandhiex għalhekk taqa' taħt l-eżenzjoni ġenerali. Fejn hemm rekwiżit legali fuq il-kumpanniji ta' assigurazzjoni biex jinkludu fil-polza kopertura għal riskji li għalihom numru sinifikattiv ta' assigurati m'humiex esposti simultanjament, din l-inklużjoni f'mudell ta' kuntratt ta' klawżola *standard* li ma' jorbotx u li tirrifletti rekwiżit legali ta' dan it-tip ma' tikkostitwix restrizzjoni fil-kompetizzjoni u jaqa' barra mill-iskop ta' l-Artikolu 81(1) tat-Trattat.

(18) Ko-assigurazzjoni jew gruppi ta' ko-riassigurazzjoni (li spiss jissejħu "pûls"), jistgħu jagħtu permess lill-kumpanniji ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni biex jipprovdu assigurazzjoni jew riassigurazzjoni għar-riskji li għalihom huma jkunu jistgħu joffru biss kopertura insuffiċenti fin-nuqqas tal-grupp. Dawn jistgħu wkoll jgħinu intrapriżi ta' l-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni biex jakwistaw l-esperjenza tar-riskji li m'humiex familjari magħhom. Madankollu, dawn il-gruppi jistgħu jinvolvu restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni, bħalma huma l-istandardizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-polza kif ukoll ammonti ta' koperturi u *premium*. Huwa għalhekk xieraq li jiġu ssabbiliti iċ-ċirkustanzi fejn dawn il-gruppi jistgħu jibbenefikaw minn eżenzjoni.

(19) Għal riskji ġenwinament ġodda m'huwiex possibbli li jkun hemm għarfien minn qabel ta' x'kapaċità ta' sottoskrizzjoni hi neċessarja biex tkopri r-riskju, lanqas jekk tnejn jew aktar gruppi jistgħu jkunu ko-eżistenti sabiex jipprovdu din it-tip ta' assigurazzjoni. Arranġament ta' ippûljar li għall-ko-assigurazzjoni jew ko-riassugurazzjoni jikkonsisti esklussivament f'dawn ir-riskji ġodda (mhux ta' taħlita ta' riskji ġodda u riskji eżistenti) jista' għalhekk jkun eżenti għal perjodu limitat ta' żmien. Tliet snin għandhom ikunu perjodu adegwat għal kostituzzjoni ta' informazzjoni storika suffiċenti dwar klejms biex tiġi stmata n-neċessità jew inkella n-nuqqas ta' neċessità ta' pûl wieħed. Dan ir-Regolament għalhekk jagħti eżenzjoni lil kwalunkwe grupp ta' din ix-xorti li ġie kreat mill-ġdid sabiex ikopri riskju ġdid, għall-ewwel tliet snin mill-eżistenza tiegħu.

▼B

(20) Id-definizzjoni ta' "riskji ġodda" tikkjarifika li dawk ir-riskji biss li ma kienux jeżistu qabel huma nklużi fid-definizzjoni, b'hekk jiġu esklużi per eżempju riskji li kienu jeżistu qabel iżda li ma kienux inklużi. Barra dan, riskju li n-natura tiegħu tinbidel sostanzjalment (per eżempju b'żieda konsiderevoli f'attività terroristika) jaqa' barra d-definizzjoni, peress li r-riskju fih innifsu f'dak il-każ m'hux ġdid. Riskju ġdid, fin-natura tiegħu stess, jirrekjedi prodott ta' l-assigurazzjoni kompletament ġdid, u ma jistax jkun kopert b'żidiet jew modifikazzjonijiet f'prodott ta' l-assigurazzjoni eżistenti.

(21) Dwar riskji li m'humiex ġodda, huwa rikonoxxut li dawn it-tipi ta' gruppi ta' ko-assigurazzjoni u ko-riassigurazzjoni li jirrestriġu l-kompetizzjoni jistgħu wkoll, f'ċerti ċirkostanti limitati, jinvolvu benefiċċji tant li jiġġustifikaw eżenzjoni taħt l-Artikolu 81(3) tat-Trattat, anke jekk dawn jistgħu jiġu mibdula bi tnejn jew aktar mill-entitajiet kompetittivi ta' l-assigurazzjoni. Dawn jistgħu per eżempju, jħallu l-membri tagħhom jiggwadanjaw l-esperjenza neċessarja f'dak is-settur involut ta' l-assigurazzjoni, jistgħu jħallu riserva ta' nfiq, jew riduzzjoni fil-*premiums* minn ġo r-riassigurazzjoni konġunta fuq termini vantaġġjużi. Madankollu, kwalunkwe eżenzjoni għal dawn il-gruppi mhix iġġustifikata jekk il-grupp msemmi jibbenefika minn livell sinifikattiv ta' poter fis-suq, peress li f'dawn iċ-ċirkustanzi r-restrizzjoni tal-kompetizzjoni li ġejja mill-eżistenza tal-pûl hija akbar bil-qabda minn xi vantaġġi li jista' jkun hemm.

(22) Dan ir-Regolament għalhekk jagħti eżenzjoni lill-grupp ta' ko-assigurazzjoni jew ko-riassigurazzjoni li ilu jeżisti għal aktar minn tliet snin, jew li mhux magħmul sabiex ikopri xi riskju ġdid, fuq il-kondizzjoni li l-prodotti ta' l-assigurazzjoni sottoskritti fi ħdan il-grupp mill-membri tiegħu ma' jeċċedix il-limiti li ġejjin: 25 % tas-suq relevanti fil-każ ta' gruppi ta' ko-riassigurazzjoni, u 20 % fil-każ ta' gruppi ta' ko-assigurazzjoni. Il-limitu għal gruppi ta' ko-assigurazzjoni huwa anqas minħabba li l-pûls ta' ko-assigurazzjoni jistgħu jinvolvu kondizzjonijiet ta' polza uniformi u *premiums* kummerċjali. Dawn l-eżenzjonijiet madankollu japplikaw biss jekk il-grupp imsemmi jilħaq aktar kondizzjonijiet imsemmija aktar il quddiem f'dan ir-Regolament, liema kondizzjonijiet huma ntiżi li jirrestriġu r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-membri tal-grupp.

(23) Pûls li jaqgħu barra l-iskop ta' dan ir-Regolament jistgħu jkunu eliġibbli għal eżenzjoni ndividwali, u dan jiddependi mid-dettal tal-pûl minnu nnifsu u l-kondizzjonijiet speċifiċi tas-suq imsemmi. Meta jiġi kunsidrat li ħafna swieq ta' l-assigurazzjoni qegħdin jiżviluppaw kontinwament, jkun neċessarju li f'ċerti każijiet issir analiżi individwali sabiex tiddetermina jekk il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat ġewx sodisfatti jew le.

(24) L-addozzjoni minn assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni jew riasigurazzjoni ta' tekniċi speċifiċi, regoli jew kodiċi ta' prattika li jikkonċernaw mekkaniżmi tas-sigurtà, u ta' proċeduri għall-evalwazzjoni tal-konformità ta' mekkaniżmi tas-sigurtà b'dawn is-speċifikazzjonijiet tekniċi, regoli jew kodiċi ta' prattika, jistgħu jkunu ta' benefiċċju billi jipprovdu punt ta' referenza għall-kumpanniji ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni meta jiġi stmat safejn iwassal ir-riskju li huma ġew mitluba jkopru f'każ speċifiku, li jiddependi fuq il-kwalità tat-tagħmir tas-sigurtà u ta' l-installazzjoni u l-manutanzjoni tiegħu. Madankollu, fejn jeżistu speċifikazzjonijiet tekniċi fuq livell Komunitarju, sistemi ta' klassifikazzjoni, regoli, proċeduri jew kodiċi ta' prattika li jikkomparaw mal-leġislazzjoni tal-Komunità u li jkopru l-moviment liberu ta' l-oġġetti, m'huwiex xieraq li jiġu eżenti b'regolament kwalunkwe ftehim bejn il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni dwar l-istess suġġett, minħabba li l-għan ta' l-imsemmija armonizzazzjoni fuq il-livell Ewropew hu li jistabilixxi livelli ta' sigurtà adekwati u eżawrjenti għall-mekkaniżmu tas-sigurtà u

▼B

li japplikaw uniformament fil-Komunità. Kwalunkwe ftehim bejn il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni dwar rekwiżiti differenti għall-mekkaniżmu tas-sigurtà jista' jdgħajjef l-iskop ta' dak il-għan.

(25) F'dak li jirrigwardja l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' mekkaniżmi tas-sigurtà, safejn ma teżisti l-ebda armonizzazzjoni fuq livell Komunitarju, ftehim bejn il-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni li jistabilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi jew proċeduri ta' approvazzjoni li jintużaw f'wieħed jew aktar Stati Membri jistgħu jiġu eżenti permezz ta' regolament; madankollu, l-eżenzjoni għandha tkun soġġetta għal ċerti kondizzjonijiet, partikolarment li kull impriża ta' l-assigurazzjoni għandha tibqa' ħielsa li taċċetta għall-iskop ta' l-assigurazzjoni, fuq kwalunqwe termini u kondizzjonijiet li hija tixtieq, mekkaniżmi u installazzjoni u impriżi ta' manutenzjoni li m'humiex approvati b'mod unanimu.

(26) Jekk ftehim individwali li huma eżenti b'dan ir-Regolament xorta waħda għandhom effetti li m'humiex kompatibbli ma' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat, kif interpretat bil-prattika amministrattiva tal-Kummissjoni u l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju ta' l-eżenzjoni ġenerali. Dan jista' jseħħ partikolarment fejn l-istudji fuq l-impatt ta' żviluppi futuri huma bażati fuq ipoteżi mhix iġġustifikata; jew fejn kondizzjonijiet tal-polza standard għandhom klawżoli li jikkreaw, għad-detriment ta' min ikollu polza ta' l-assigurazzjoni, żbilanċ sinifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt; jew fejn gruppi huma wżati jew amministrati b'tali mod li wieħed jew aktar impriżi parteċipanti jingħataw l-opportunità li jakkwistaw jew jinforzaw pożizzjoni ta' poter sinifikattiv fis-suq relevanti, jew jekk dawn il-gruppi jirriżultaw f'tqassim fis-suq.

(27) Sabiex tiġi faċilitata l-konklużjoni tal-ftehim, li ftit minnhom jistgħu jinvolvu deċiżjonijiet sinnifikattivi ta' investiment, il-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament għandu jiġi fissat sa seba' snin.

(28) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 82 tat-Trattat.

(29) Skond il-prinċipju tal-prominenza tal-liġi Komunitarja, l-ebda miżura li ttieħdet skond il-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni m'għandha tippreġudika l-applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kompetizzjoni matul is-suq komuni jew l-effet sħiħ ta' kwalunkwe miżura adottata fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli, inkluż dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

EŻENZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Ezenzjoni

Skond l-Artikolu 81(3) tat-Trattat u kif suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, hu hawnhekk iddikjarat li l-Artikolu 81(1) tat-Trattat m'għandux japplika għall-ftehim bejn żewġ impriżi jew aktar fis-settur ta' l-assigurazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "il-partijiet") b'rispett għal:

(a) l-istutizzjoni konġunta u d-distribuzzjoni ta':

— kalkolazzjonijiet ta' l-ispiża medja tal-kopertura ta' riskju speċifiku fil-passat (hawnhekk iżjed 'il quddiem "kalkolazzjonijiet");

▼B

— Dwar l-assigurazzjoni li tinvolvi element ta' kapitilazzjoni, elenku ta' mortalità, u elenki li juru il-frekwenza ta' mard, aċċidenti u invalidità (hawnhekk iżjed 'il quddiem "elenki");

(b) it-twettiq konġunt ta' studji dwar l-impatt probabbli ta' ċirkostanzi ġenerali esterni għall-impriżi interessati, kemm fuq il-frekwenza jew skala ta' pretensjonijiet futuri għal riskju speċifikat (hawnhekk iżjed 'il quddiem "studji"), u d-distribuzzjoni tar-riżultati ta' dawn l-istudji;

(ċ) l-istituzzjoni konġunta u d-distribuzzjoni ta' kondizzjonijiet tal-polza *standard* għal assigurazzjoni diretta (hawnhekk iżjed 'il quddiem "kondizzjonijiet tal-polza *standard*");

(d) l-istituzzjoni konġunta u d-distribuzzjoni ta' mudelli li m'humiex vinkolanti u li juru l-profitti li għandhom jiġu mwettqa minn polza ta' l-assigurazzjoni li tinvolvi element ta' kapitalizzazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem "mudelli");

(e) it-twaqqif u l-operazzjoni ta' gruppi ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni jew ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni u riassigurazzjoni għal kopertura komuni ta' kategorija speċifika ta' riskji fil-forma ta' ko-assigurazzjoni jew ko-riassigurazzjoni; u

(f) it-twaqqif, ir-rikonoxximent u d-distribuzzjoni ta':

— speċifikazzjonijiet tekniċi, regoli jew kodiċi ta' prattika li jikkonċernaw dawk it-tipi ta' mekkaniżmu tas-sigurtà li għalihom m'hemmx speċifikazzjonijiet fuq livell Komunitarju, sistemi ta' klassifikazzjoni, regoli, proċeduri jew kodiċi ta' prattika li jikkomparaw mal-leġislazzjoni tal-Komunità li tkopri l-moviment liberu ta' l-oġġetti, u l-proċeduri għall-evalwazzjoni u l-approvazzjoni tal-konformità ta' mekkaniżmu tas-sigurtà b'dawn is-speċifikazzjonijiet, regoli jew kodiċi ta' prattika,

— speċifikazzjonijiet tekniċi, regoli jew kodiċi ta' prattika għall-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' mekkaniżmu tas-sigurtà, u proċeduri għall-evalwazzjoni u l-approvazzjoni għall-konformità ta' l-impriżi li jinstallaw jew jieħdu ħsieb il-manutenzjoni ta' mekkaniżmu tas-sigurtà b'dawn l-ispeċifikazzjonijiet, regoli jew kodiċi ta' prattika.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Fir-rigward tar-Regolament preżenti, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

1. "Ftehim" ifisser ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma;

2. "Impriżi parteċipanti" tfisser impriżi li jagħmlu parti mill-ftehim u l-impriżi konnessi rispettivi tagħhom;

3. "Impriżi konnessi" tfisser:

(a) impriżi fejn imsieheb tal-ftehim, direttament jew indirettament:

(i) għandu l-poter li jeserċita aktar minn nofs id-drittijiet tal-vot, jew

(ii) għandu l-poter li jaħtar aktar minn nofs il-membri tal-bord tas-superviżjoni, tal-bord ta' l-immaniġġjar jew korpi li legalment jirrapreżentaw l-impriża, jew

(iii) għandu d-dritt li jamministra l-affarijiet ta' l-impriża;

(b) impriżi li direttament jew indirettament għandhom, fuq parti fil-fethim, id-drittiijiet jew il-poteri mniżżla f'(a);

▼B

(ċ) impriżi li fihom impriża li hemm riferenza għaliha f'(b) għandha, direttament jew indirettament, id-drittijiet jew il-poteri mniżżla f'(a);

(d) impriżi li fihom parti fil-ftehim flimkien ma' waħda jew aktar mill-impriżi li hemm riferenza għalihom f'(a), f'(b) jew f'(c), jew f'liema tnejn jew aktar mill-aħħar impriżi, flimkien għandhom id-drittijiet jew il-poteri mniżżla f'(a);

(e) impriżi f'liema d-drittijiet jew il-poetri mniżżla f'(a) huma konġuntament miżmuma minn:

(i) partijiet fil-ftehim jew l-impriżi konnessi rispettivi tagħhom li hemm riferenza għalihom minn (a) sa (d), jew

(ii) wieħed jew aktar mill-partijiet fil-ftehim jew wieħed jew aktar mill-impriżi konnessi tagħhom li hemm riferenza għalihom minn (a) sa (d) u wieħed jew aktar mill-partijiet terzi.

4. "Kondizzjonijiet tal-polza *standard*" tirreferi għal kwalunkwe klawżoli li jinsabu f'mudelli jew riferenzi ta' polzi ta' l-assigurazzjoni preparati konġuntament minn kumpanniji ta' l-assigurazzjoni jew minn korpi jew assoċjazzjonijiet ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni;

5. "Gruppi ta' ko-assigurazzjoni" tfisser gruppi li huma mwaqqfa minn impriżi ta' l-assigurazzjoni li:

(i) jiftiehmu li jissottoskrivu fl-isem ta' u għal parteċipanti kollha l-assigurazzjoni ta' riskju speċifikat kategorikament

(ii) jafdaw is-sottoskrizzjoni u l-amministrazzjoni ta' l-assigurazzjoni ta' riskju speċifikat kategorikament f'isimhom u għar-rigward tagħhom ta' waħda mill-impiżi ta' l-assigurazzjoni, lill sensar komuni jew lil korp komuni li ġie ssabbilit għal dan il-għan;

6. "Gruppi ta' ko-assigurazzjoni" tfisser gruppi mwaqqfa minn impriżi ta' l-assigurazzjoni, possibbilment bl-assistenza ta' impriża waħda jew aktar tar-riassigurazzjoni:

(i) sabiex issir riassigurazzjoni reċiprokament tal-passivi kollha jew parti minnhom fil-każ ta' riskju speċifikat kategorikament;

(ii) inċidentalment, sabiex jiġi aċċettat f'isem u għar-rigward tal-parteċipanti kollha r-riassigurazzjoni ta' l-istess kategorija ta' riskji;

7. "Riskji ġodda" tfisser riskji li ma kienux jeżistu qabel, u għal liema il-kopertura ta' l-assigurazzjoni tirrikjedi l-iżvilupp ta' prodott ta' l-assigurazzjoni li huwa interament ġdid, u li ma jinvolvix estenzjoni, titjib jew is-sostituzzjoni ta' prodott ta' l-assigurazzjoni li jeżisti diġa.

8. "Mekkaniżmi tas-sigurtà" tfisser komponenti u apparat maħsuba għal prevenzjoni ta' telf u riduzzjoni, u sistemi magħmula minn dawn l-elementi.

9. "*Premium* kummerċjali" tfisser il-prezz li hu addebitat kontra ix-xerrej ta' polza ta' l-assigurazzjoni.

KAPITOLU II

KALKOLAZZJONIJIET KONĠUNTI, ELENKI, U STUDJI

Artikolu 3

Kondizzjonijiet għall-eżenzjoni

1. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(a) għandha tgħodd fuq il-kondizzjoni li l-kalkolazzjonijiet jew l-elenki:

▼B

(a) huma bażati fuq il-ġabra ta' data, li tifrex fuq numru ta' snin ta' riski magħżula bħala perjodu ta' osservazzjoni, li huma konnessi ma' riskji identiċi jew komparabbli f'numru suffiċjenti biex jikkostitwixxu bażi li tista' tiġi trattata statistikalment u li trendi figuri dwar (*inter alia*):

— in-numru ta' pretensjonijiet waqt dan il-perjodu,

— in-numru ta' riskji individwali assigurati f'kull sena ta' riskju tal-perjodu ta' l-osservazzjoni magħżul

— l-ammont totali mħallas jew dovut fil-każ ta' pretensjonijiet li jinqalaw waqt dan il-perjodu,

— l-ammont totali tal-kapital assigurat għal kull sena ta' riskju waqt il-perjodu magħżul ta' l-osservazzjoni;

(b) jinkludu skomposizzjoni ddettaljata kemm jista' jkun b'mod attwarjalment adekwat ta' l-istatistiċi disponibbli;

(ċ) ma jinkludu bl-ebda mod elementi għal kontinġenzi, dħul li jiġi mir-riservi, infiq amministrattiv jew kummerċjali jew kontribuzzjonijiet fiskali jew para-fiskali, u li jikkunsidraw la d-dħul mill-investimenti u lanqas mill-profitti antiċipati.

2. L-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(a) u l-Artikolu 1(b) għandhom jgħoddu fuq il-kondizzjoni li l-kalkolazzjonijiet, elenki jew riżultati ta' l-istudju:

(a) ma jidentifikawx l-impriżi ta' l-assigurazzjoni konċernati jew xi parti assigurat;

(b) meta miġbura u mqassma, jinkludu dikjarazzjoni li mhix vinkolanti;

(ċ) huma disponibbli fuq termini raġonevoli u li ma jiddiskriminawx, għal kwalunkwe impriża ta' l-assigurazzjoni li titlob kopja tagħhom, inkluż impriżi ta' l-assigurazzjoni li m'humiex attivi fis-suq ġeografiku jew fis-suq tal-prodott li dawn il-kalkolazzjonijiet, elenki jew riżultati ta' studju jagħamlu riferenza għalihom.

Artikolu 4

Ftehim li mhumiex koperti bl-eżenzjoni

L-eżenzjoni prevista fÀrtikolu 1 m'għandiex tapplika fejn l-impriżi parteċipanti jidħlu f'garanzija jew rabta bejniethom, jew jobbligaw impriżi oħra, biex ma jużawx kalkolazzjonijiet jew elenki li huma differenti minn dawk stabbiliti skond l-Artikolu 1(a), jew li ma jitbiegħdux mir-riżultati ta' l-istudji li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1(b).

KAPITOLU III

KONDIZZJONIJIET TAL-POLZA STANDARD U MUDELLI

Artikolu 5

Kondizzjonijiet għall-eżenzjoni

1. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(C) għandha tgħodd fuq il-kondizzjoni li l-kondizzjonijiet ta' polza *standard*:

(a) huma stabbiliti u mqassma b'dikjarazzjoni espliċita li m'humiex vinkolanti u li l-użu tagħhom m'hu bl-ebda mod rakkommandat;

(b) isemmu espressament li l-impriżi parteċipanti huma liberi li joffru kondizzjonijiet tal-polza differenti lill-klijenti tagħhom; u

(ċ) huma aċċessibbli għal kwalunkwe persuna interessata u huma provduti fuq sempliċi talba.

▼B

2. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(d) għandha tgħodd fuq il-kondizzjoni li l-mudelli li m'humiex vinkolanti huma sstabbiliti u mqassma biss bħala gwida.

Artikolu 6

Ftehim li mhux kopert bl-eżenzjoni

1. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(c) m'għandhiex tapplika fejn il-kondizzjonijiet ta' polza *standard* fihom klawżoli li:

(a) fihom tinsab indikazzjoni tal-livell tal-*premiuim* kummerċjali;

(b) jindikaw l-ammont tal-kopertura jew il parti liema l-assigurat hu nnifssu għandu jħallas ("l-eċċess");

(ċ) jimponu kopertura komprensiva li tinkludi riskji għall-liema numru sinifikattiv ta' assigurati m'humiex esposti simultanjament;

(d) iħallu l-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni iżommu l-polza fl-eventwalità li jikkanċellaw parti mill-kopertura, jżidu il-*premium* mingħajr li r-riskju jew l-iskop tal-kopertura jiġu mibdula (mingħajr preġudizzju għall-klawżoli ta' l-indiċjar), jew inkella li jbiddlu l-kondizzjonijiet tal-polza mingħajr il-kunsens espress ta' l-assigurat;

(e) iħallu l-kumpanniji ta' l-assigurazzjoni jimmodifikaw it-terminu tal-polza mingħajr il-kunsens espress ta' l-assigurat;

(f) jimponu fuq l-assigurat fis-settur ta' l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja kuntratt ta' perjodu għal aktar minn tlett snin;

(g) jimponu perjodu ta' tiġdid għal aktar minn sena fejn il-polza tiġġedded awtomatikament sakemm ikun hemm notifika ma' l-eġħluq ta' perjodu speċifikat;

(h) jirrikjedu li l-assigurat jaqbel mat-tqeghid fil-ġdid ta' polza li kienet ġiet sospiza minħabba li r-riskju assigurat ma kienx għadu hemm, jekk huwa jerga' jkun għal darb'oħra espost għal riskju ta' l-istess natura;

(i) jirrekjedu li l-assigurat jikseb kopertura mill-istess kumpannija ta' l-assigurazzjoni għal riskji differenti;

(j) jirrekjedu li l-assigurat, fl-eventwalità ta' eliminazzjoni ta' l-oġġett ta' l-assigurazzjoni, jġiegħel lill dak li jikseb l-oġġett biex jakkwista l-polza ta' l-assigurazzjoni;

(k) jeskludu jew jillimitaw il-kopertura ta' riskju jekk l-assigurat juża mekkaniżmi tas-sigurtà, jew impriżi ta' l-installazzjoni jew manutenzjoni, li m'humiex approvati skond is-speċifikazzjonijiet relevanti mifthiema minn assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet ta' kumpanniji ta' l-assigurazzjoni f'wieħed jew aktar Stati Membri jew fuq il-livell Ewropew.

2. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(c) m'għandhiex tibbenefika impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jaqblu, jew jaqblu li jobbligaw impriżi oħra, biex ma japplikawx kondizzjonijiet għajr il-kondizzjonijiet ta' polza *standard* stabbiliti skond ftehim bejn l-impriżi parteċipanti.

3. Mingħajr preġudizzju għall-istabbiliment ta' kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-assigurazzjoni għal kategoriji soċjali partikolari jew kategoriji tal-popolazzjoni li huma mpjegati, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(c) m'għandhiex tapplika għal ftehim u prattiċi mifthiehma li jeskludu l-kopertura ta' ċerti kategoriji ta' riskji minħabba l-karatteristiċi assoċjati ma' l-assigurat.

4. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(d) m'għandhiex tapplika fejn, mingħajr preġudizzju għall-obbligazzjonijiet imposti legalment, il-mudelli li m'humiex vinkolanti jinkludu biss rati ta' interess speċifikat jew li fihom jinsabu figuri li jindikaw spejjeż amministrattivi;

▼B

5. L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(d) m'għandhiex tibbenefika impriżi jew assoċjazzjonijiet ta' impriżi li jifiehmu jew jintrabtu bejniethom, jew jobbligaw impriżi oħra, li ma japplikawx mudelli li juru l-benefiċċji ta' polza ta' l-assigurazzjoni għajr dawk stabbiliti skond ftehim bejn l-impriżi partiċipanti.

KAPITOLU IV

KOPERTURA KOMUNI GĦALL CERTI TIPI TA' RISKJI

Artikolu 7

Applikazzjoni ta' limiti għall-eżenzjoni u ishma mis-suq

1. F'dak li jirrigwardja gruppi ta' ko-assigurazzjoni jew ta' ko-riassigurazzjoni li ġew fis-seħħ wara d-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-Regolament preżenti sabiex ikopri esklussivament riskji ġodda, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tgħodd għall-perjodu ta' tlett snin mid-data ta' l-ewwel stabbiliment tal-grupp, irrespettivament mill-ishma mis-suq tal-grupp.

2. F'dak li jirrigwardja gruppi ta' ko-assigurazzjoni jew ta' ko-riassigurazzjoni li ma jaqawx taħt l-iskop ta' l-ewwel paragrafu (għar-raġuni li kien ilhom fis-seħħ għall-aktar minn tlett snin jew li ma ġewx fis-seħħ sabiex ikopru riskju ġdid), l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tgħodd sakemm ir-Regolament preżenti jibqa' fis-seħħ, fuq il-kondizzjoni li l-prodotti ta' l-assigurazzjoni sottoskritti fi ħdan l-arranġament tal-grupp mill-impriżi parteċipanti jew għar-rigward tagħhom, fl-ebda mis-swieq ikkonċernati ma jirrapreżentaw:

(a) fil-każ ta' gruppi ta' ko-assigurazzjoni, aktar minn 20 % tas-suq relevanti;

(b) fil-każ ta' gruppi ta' ko-riassigurazzjoni, aktar minn 25 % tas-suq relevanti.

3. Sabiex jiġi applikat il-limitu ta' l-ishma mis-suq kif previst fit-tieni paragrafu dawn ir-regoli li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) l-ishma mis-suq għandu jiġi kalkolat fuq il-bażi tal -*premium* ta' l-introjtu bażiku; jekk il-*premium* ta' l-introjtu bażiku mhux disponibbli, stimi bażati fuq informazzjoni oħra fuq is-suq ta' min joqgħod fuqha, inklużi koperturi ta' l-assigurazzjoni provduti jew valuri tar-riskju assigurat, jistgħu jintużaw biex jistabbilixxu l-ishma mis-suq ta'l-impriża konċernata;

(b) l-ishma mis-suq għandhom jiġu kalkolati fuq il-bażi tad-data relatata mas-sena kalendarja li għaddiet;

(ċ) l-ishma mis-suq miżmuma mill-impriżi previsti fl-Artikolu 2(3)(e) għandhom jiġu mqassma b'mod indaqs għall-kull impriża li għandha d-drttijijet jew il-poteri previsti fl-Artikolu 2(3)(a).

4. Jekk is-sehem fis-suq li hemm referenza għalih f'punt (a) tat-tieni paragrafu mhux inizjalment aktar minn 20 % iżda sussegwentament jogħla l fuq minn dan il-livell mingħajr ma jaqbeż it-22 %, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tkompli tapplika għal perjodu ta' sentejn kalendarji konsekuttivi li jiġu wara s-sena fl-liema l-limitu ta' 20 % ġie maqbuż għall-ewwel darba.

5. Jekk is-sehem fis-suq msemmi f'punt (a) tat-tieni paragrafu inizjalment mhux aktar minn 20 % iżda sussegwentement jogħla l fuq minn 22 %, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tkompli tapplika għal sena kalendarja wara dik is-sena fejn l-livell ta' 22 % ġie maqbuż għall-ewwel darba.

6. Il-benefiċċju ta' paragrafi 4 u 5 ma jistax jiġi magħqud sabiex jaqbeż il-perjodu ta' sentejn kalendarji.

▼B

7. Jekk is-sehem fis-suq msemmi f'punt (b) tat-tieni paragrafu mhux inzjalment aktar minn 25 % iżda sussegwentament jogħla l'fuq minn dan il-livell mingħajr ma jaqbeż l-27 %, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tkompli tapplika għal perjodu ta' sentejn kalendarji konsekuttivi wara dik is-sena fejn il-limitu ta' 25 % ġie maqbuż għall-ewwel darba.

8. Jekk is-sehem fis-suq msemmi f'punt (b) tat-tieni paragrafu mhux inizjalment aktar minn 25 % iżda sussegwentament jogħla l fuq minn 27 %, l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tkompli tapplika għal sena kalendarja wara dik is-sena fejn l-27 % ġie maqbuż għall-ewwel darba.

9. Il-benefiċċju ta' paragrafi 7 u 8 ma jistgħax jiġi maqgħud sabiex jaqbeż l-perjodu ta' sentejn kalendarji.

Artikolu 8

Kondizzjonijiet għal eżenzjoni

L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(e) għandha tgħodd fuq il-kondizzjoni li:

(a) kull impriża parteċipanti għandha d-dritt li tirtira mill-grupp, suġġett għal perjodu ta'avviż ta' mhux aktar minn sena, mingħajr ebda sanzjonijiet;

(b) ir-regoli tal-grupp ma jobbligaw l-ebda membru tal-grupp sabiex jassigura jew jirriassigura permezz tal-grupp, fl-intier jew parti minnu, kwalunkwe tip ta' riskju kopert mill-grupp;

(ċ) il-regoli tal-grupp ma jirrestrinġux l-attività tal-grupp jew tal-membri tiegħu għall-assigurazzjoni jew riassigurazzjoni tar-riskji li jinsabu f'kwalunqwe parti ġeografika ta' l-Unjoni Ewropea;

(d) il-ftehim ma jillimitax il-produzzjoni jew bejgħ;

(e) il-ftehim ma jassenjax swieq jew klijenti;

(f) il-membri ta' grupp ta' ko-assigurazzjoni ma jaqblux dwar il-*premiums* kummerċjali li huma jiddebitaw fl-assigurazzjoni diretta; u

(g) l-ebda membru tal-grupp, jew impriża li jeserċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali tal-grupp, hu wkoll membru ta', jew jeserċita influwenza determinanti fuq il-politika kummerċjali ta'grupp differenti li hu attiv fl-istess suq relevanti.

KAPITOLU V

MEKKANIŻMI TAS-SIGURTÀ

Artikolu 9

Kondizzjonijiet għal eżenzjoni

L-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(f) għandha tgħodd fuq il-kondizzjoni li:

(a) is-speċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri ta' l-istima ta' konformità huma preċiżi,;

(b) ir-regoli għall-evalwazzjoni ta' impriżi ta' l-installazzjoni u impriżi tal-manutenzjoni huma oġġettivi, konnessi mal-kompetenza teknika tagħhom u huma applikabbli f'manjiera li ma tiddiskriminax;

(ċ) dawn l-ispeċifikazzjonijiet u regoli huma stabbiliti u mqassma flimkien ma' dikjarazzjoni li l-impriżi ta' l-assigurazzjoni huma liberi li jaċċettaw għall-assigurazzjoni, fuq kwalunkwe termini u kondizzjonijiet li jixtiequ, mekkaniżmi ta' sigurtà oħra jew impriżi ta' l-instal-

▼B

lazzjoni u manutenzjoni li ma jħarsux dawn l-ispeċifikazzjonijiet jew regoli tekniċi.;

(d) dawn l-ispeċifikazzjonijiet u regoli huma previsti fuq sempliċi talba ta' kull min hu interessat;

(e) kwalunkwe listi ta' mekkaniżmi tas-sigurtà u impriżi ta' installazzjoni u manutezjoni li huma konformi ma' speċifikazzjonijiet jinkludu klassifikazzjoni bażata fuq il-livell ta' l-andament miksub;

(f) talba għal stima tista' tiġi mogħtija f'kull ħin minn kwalunkwe applikant;

(g) l-evalwazzjoni tal-konformità ma timponix fuq l-applikant xi spejjeż li huma sproporzjonati għall-ispejjeż tal-proċedura ta' l-approvazzjoni;

(h) il-mekkaniżmi u impriżi ta' installazzjoni u manutezjoni li jilħqu l-kriterju ta' l-istima huma ċertifikati għal dan il-għan b'mod li ma jiddiskriminax f'perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' l-applikazzjoni, minbarra fejn il-konsiderazzjonijiet tekniċi jiġġustifikaw perjodu xieraq addizzjonali:

(i) il-fatt tal-konformità jew approvazzjoni huwa ċertifikat bil-miktub;

(j) ir-raġunijiet għala l-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformità ġie miċħud għandhom ikunu bil-miktub billi tiġi mwaħħla kopja duplikata tar-rekords tat-testijiet u kontrolli li ġew imwettqa;

(k) ir-raġunijiet għala t-talba għal stima ġew miċħuda għandhom ikunu bil-miktub; u

(l) l-ispeċifikazzjonijiet u regoli huma applikati minn korpi akkredidati għal normi fis-serje EN 45 000 u EN ISO/IEC 17025.

KAPITOLU VI

DISPOSIZZJONIJIET MIXELLANJI

Artikolu 10

Irtirar

Il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju ta' dan ir-Regolament, skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1534/91, fejn sew fuq l-inizjattiva proprja tagħha jew fuq talba ta' xi Stat Membru jew ta' persuna naturali jew legali li tippretendi dritt leġittimu, hija ssib f'każ partikolari li ftehim għal liema l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1 tapplika xorta waħda għandha effetti li huma kompatibbli mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 81(3) tat-Trattat, u b'mod partikolari fejn,

(a) studji għal-liema l-eżenzjoni fl-Artikolu 1(b) tapplika huma bażati fuq ipoteżi li mhumiex iġġustifikati;

(b) kondizzjonijiet ta' polza *standard* għal-liema l-eżenzjoni fl-Artikolu 1 (c) tapplika għandhom klawżoli li joħolqu għad-detriment ta' l-assigurat, skwilibrju sinifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-kuntratt;

(ċ) skond il-kopertura komuni ta' ċerti tipi ta' riskji għall-liema l-eżenzjoni fl-Artikolu 1(e) tapplika, t-twaqqif jew operazzjoni ta' gruppi tirriżulta, permezz tal-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dħul, fid-definizzjoni ta' riskji li għandhom ikunu koperti, fi ftehim dwar ir-retroċessjoni jew bi kwalunkwe mod ieħor, fi tqassim tas-swieq għall-prodotti ta' l-assigurazzjoni konċernati jew għal prodotti li huma qrib xulxin.

▼B

Artikolu 11

Perjodu transitorju

Il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat m'għandhiex tapplika waqt il-perjodu mill-1 ta'April 2003 sal-31 ta' Marzu 2004 rigward ftehim li kienu diġa' fis-seħħ fil-31 ta' Marzu 2003 li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni kif previsti f'dan ir-Regolament iżda li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni kif previsti fir-Regolamenti (KEE) Nru 3932/92.

▼M1

Artikolu 11a

Il-projbizzjoni f' Artikolu 81(1) tat-Trattat mhux se tapplika għal ftehim ġa eżistenti fid-data ta'l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja u li, in vista ta'l-adeżjoni, taqa' fl-ambitu ta'l-Artikolu 81 (1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta'l-adeżjoni, jiġu emendati b'tali mod li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 12

Perjodu ta' validità

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta'April 2003. Dan għandu jagħlaq fil-31 ta' Marzu 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.